



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Marzu 2020
(OR. en)

6189/20
ADD 1
LIMITE
PV CONS 10
EDUC 41
JEUN 7
CULT 14
AUDIO 6
SPORT 6

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport)

20 ta' Frar 2020

WERREJ

Pàġna

Attivitajiet mhux leġislattivi

3.	Risoluzzjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ fis-Semestru Ewropew	3
5.	Affarijiet oħra	3
	Il-qafas strateġiku għal wara l-2020 għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ	
	ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	4

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. **Riżoluzzjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ fis-Semestru Ewropew** 5536/20
Adozzjoni

Il-Kunsill adotta r-Riżoluzzjoni kif tinsab fid-dokument 5537/20 u qabel li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Affarijiet oħra

5. **Il-qafas strateġiku għal wara l-2020 għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ** 5533/20
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 5928/20

<u>Dwar il-punt "A" nru 2:</u>	Regolament dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet ta' sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mas-Seychelles <i>Adozzjoni</i>
<u>Dwar il-punt "A" nru 3:</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mas-Seychelles u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu <i>Adozzjoni</i>
<u>Dwar il-punt "A" nru 4:</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mas-Seychelles u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu <i>Qbil fil-prinċipju</i> <i>Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew</i>

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawżi magħquda C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs. il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jidħlu għalkollox fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 tat-TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u rrifjutat il-pożizzjoni li t-tali deċiżjonijiet jistgħu b'xi mod jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE.

F'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u dwar il-konklużjoni tagħhom, il-Kummissjoni jiddispaċiha għall-emenda tal-Kunsill li tibdel il-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma ssemmi l-paragrafu) u għalhekk qed iżżomm mal-proposta inizjali tagħha."